# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 474/2011

**tat-3 ta' Mejju 2011**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1425/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3), 14(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Miżuri eżistenti

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006 [2] ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"). Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw, intgħażel kampjun ta' produtturi esportaturi u ġew imposti fuqhom rati ta' dazju individwali li jvarja bejn 4,8 % sa 12,8 % fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun, filwaqt li fuq kumpaniji oħra li kkooperaw iżda mhux inklużi fil-kampjun u elenkati fl-Anness I tar-Regolament oriġinali ġiet imposta rata ta' dazju ta' 8,4 %. Ġiet imposta rata ta' dazju ta' 28,8 % ("rata ta' dazju residwu") fuq kumpaniji Ċiniżi li jew ma ddikjarawx rwieħhom jew inkella ma kkooperawx fl-investigazzjoni tad-dumping li kopra l-perijodu mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005 ("l-investigazzjoni oriġinali").

(2) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 189/2009 [3], li jemenda r-Regolament oriġinali, u skont l-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali, żdiedu tliet kumpaniji Ċiniżi mal-lista ta' produtturi mir-RPĊ elenkati fl-Anness I.

#### 1.2. It-tnedija tal-Ex-officio

(3) L-evidenza *prima facie* disponibbli għall-Kummissjoni uriet li, wara li ġew imposti l-miżuri, kien hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni li għaliha ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni adegwata għajr l-impożizzjoni tad-dazji fis-seħħ. Din il-bidla fix-xejra tal-kummerċ dehret li ġiet mill-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat li huwa prodott mill-produtturi esportaturi Ċiniżi soġġetti għar-rata ta' dazju residwu permezz ta' produttur esportatur Ċiniż li qed igawdi minn rata ta' dazju aktar baxxa, jiġifieri l-kumpanija Xiamen Xingxia Polymers Co., Ltd. ("Xiamen") elenkata fl-Anness I tar-Regolament oriġinali.

(4) Barra minn dan, l-evidenza indikat il-fatt li l-effetti rimedjali tal-miżuri anti-dumping eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qegħdin jiġu mxekkla f'termini ta' prezz. Kien hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat saret bi prezzijiet ferm inqas mill-prezz bla ħsara stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.

(5) Finalment, il-Kummissjoni kellha biżżejjed evidenza *prima facie* għad-dispożizzjoni tagħha li l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat huma l-oġġett ta' dumping meta mqabbla mal-valur normali stabbilit qabel.

(6) Wara li stabbiliet, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed evidenza prima facie għat-tnedija ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni adotta r-Regolament (UE) Nru 748/2010 [4] li jiftaħ investigazzjoni rigward il-possibbiltà li ġew evitati miżuri ta' anti-dumping ("ir-Regolament tat-tnedija"). Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5)

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 270, 29.9.2006, p. 4.
[3] ĠU L 67, 12.3.2009, p. 5.
[4] ĠU L 219, 20.8.2010, p. 1.

tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament tat-tnedija, iddereġiet ukoll lill-awtoritajiet tad-dwana biex jirreġistraw l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat dikjarati li kienu mmanifatturati minn Xiamen skont il-kodiċi addizzjonali TARIC speċifiku A981 attribwit lilhom biex ikun żgurat li, jekk ir-riżultati tal-investigazzjoni juru li kien hemm evitar, ikunu jistgħu jiġu ntaxxati dazji ta' anti-dumping bl-ammont xieraq retroattivament mid-data tar-reġistrazzjoni ta' tali importazzjonijiet.

### 1.3. **L-investigazzjoni**

(7) Il-Kummissjoni uffiċjalment għarrfet lill-awtoritajiet tar-RPĊ, Xiamen, kif ukoll lill-kumpaniji li allegatament qed jesportaw il-prodotti tagħhom permezz ta' Xiamen ("il-produtturi esportaturi oħra") bit-tnedija tal-investigazzjoni u bagħtet il-kwestjonarji. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fl-iskadenza stipulata fir-Regolament tat-tnedija. Il-partijiet interessati ġew infurmati wkoll li n-nuqqas ta' kooperazzjoni jista' jwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li jistgħu jsiru sejbiet fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

(8) Ma waslet l-ebda tweġiba mill-produtturi esportaturi l-oħra u waslet tweġiba mhux kompluta mingħand Xiamen.

### 1.4. **Il-perijodu tal-investigazzjoni**

(9) Il-perijodu tal-investigazzjoni ("PI") kien il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010. Inġabret data għall-perijodu minn Jannar 2006 sa tmiem il-PI biex tkun investigata l-allegata bidla fix-xejra tal-kummerċ u l-aspetti l-oħra stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku.

## 2. **RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

### 2.1. **Il-konsiderazzjonijiet ġenerali/il-livell ta' kooperazzjoni/il-metodoloġija**

(10) Xiamen bagħtet tweġiba inkompluta u parzjali għall-kwestjonarju. Is-servizzi tal-Kummisssjoni bagħtu ittra lil Xiamen, biex jidentifikaw in-nuqqasijiet tat-tweġiba għall-kwestjonarju u biex jitolbu tagħrif sħiħ u koerenti, li għalih Xiamen ma għamlet l-ebda reazzjoni. Barra minn hekk, Xiamen irrifjutat verifika proposta tad-data fuq il-post tagħha.

(11) B'riżultat ta' dan Xiamen ġiet mgħarrfa li, f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Kummissjoni tikkunsidra lill-kumpanija bħala li mhix tikkoopera, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u li s-sejbiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli. Xiamen ġiet mgħarrfa wkoll li r-riżultat tal-investigazzjoni jista' jkun anqas favorevoli milli kieku kienet ikkooperat bis-sħiħ. Xiamen ma għamlet l-ebda reazzjoni għal din l-ittra.

(12) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq u billi ma hemm l-ebda data statistika disponibbli biex tiddetermina l-volumi tal-esportazzjoni u l-prezzijiet fuq livell ta' kumpanija waqt il-PI, is-sejbiet dwar l-allegat evitar kellhom isiru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tax-evidenza mressqa mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istat Membri u t-tweġiba għall-kwestjonarju parzjali mhux verifikat, mibgħut minn Xiamen għall-kwstjonarju.

### 2.2. **Il-prodott ikkonċernat**

(13) Il-prodott ikkonċernat huwa xkejjer u basktijiet tal-plastik, li fihom tal-anqas 20 % skont il-piż ta' polietilene u b'kisi ta' ħxuna li ma taqbiżx il-100 mikrometru (μm), li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li attwalment jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 3923 21 00, ex 3923 29 10 u ex 3923 29 90 (kodiċi TARIC 3923 21 00 20, 3923 29 10 20 u 3923 29 90 20).

### 2.3. **Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ**

(14) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza tal-evitar twettqet billi ġie analizzat jekk kienx hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn kumpaniji individwali fir-RPĊ u l-Unjoni, b'riżultat ta' xi prassi, ta' xi proċess jew ta' ħidma, li għaliha ma kienx hemm raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-impożizzjoni tad-dazju, u fejn hemm xi evidenza ta' ħsara jew l-effetti rimedjanti tad-dazju qed jixxekklu f'termini tal-prezzijiet u/jew tal-kwantitajiet tal-prodott ikkonċernat, u fejn hemm evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali li kienu ġew stabbiliti qabel għall-prodott simili.

(15) Minħabba li d-data tal-Eurostat ma tistax tintuża biex tiddetermina l-volumi tal-esportazzjoni u l-preżżijiet fil-livell ta' kumpanija billi hija mogħtija biss data aggregata għall-pajjiż kollu filwaqt li tipi oħra ta' data statistika mhix disponibbli, intużaw il-volumi tal-esportazzjoni u l-prezzijiet irrapportati minn Xiamen fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju parzjali.

(16) Skont it-tagħrif li wasal mingħand Xiamen, il-bejgħ lill-Unjoni żdied b'mod sinifikanti wara l-impożizzjoni tal-miżuri f'Settembru 2006. Għal xi perijodi, l-esportazzjonijiet irduppjaw, meta mqabbla mal-perijodu tat-teħid ta' kampjuni użat fl-investigazzjoni oriġinali u l-prezzijiet irrapportati kienu anqas mill-prezz immirat medju tal-UE stabbilit waqt l-investigazzjoni oriġinali.

### 2.4. **Nuqqas ta' raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping**

(17) Minbarra ż-żieda fil-volum ta' bejgħ, kien innutat li skont it-tagħrif mibgħut fl-investigazzjoni oriġinali tal-eżerċizzju tat-teħid ta' kampjuni, Xiamen iddikkjarat li ma kellhiex kumpaniji relatati u li ma kinitx tipproduċi barra mill-fabbrika prinċipali. Fit-tweġiba tagħha parzjali għall-kwestjonarju kontra l-evitar, Xiamen irrapportat li waqt il-PI hija kkuntrattat ċerti partijiet tal-produzzjoni, bħall-istampar bil-kulur jew l-ippakkjar (bagging) u li xi kultant tbigħ il-materja prima lill-kumpaniji kkuntrattati.

(18) It-tweġiba parzjali għall-kwestjonarju kkonfermat li l-kumpaniji kkuntrattati msemmija minn Xiamen huma l-esportaturi l-oħra li, skont ix-evidenza prima facie, allegatament kienu qed jidderieġu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni. Madankollu, it-tweġiba żvelat ukoll li dan mhuwiex każ ta' arranġament ta' kkuntrattar fejn l-appartenenza tal-materja prima u l-prodott lest jibqa' fil-kumpanija skont l-ordni tal-kuntratt, iżda każ li jmur lil hinn mir-raġunijiet li ġejjin.

(19) Fil-każijiet kollha ta' bejgħ irrapportati bħala "parzjalment ipproċessati", il-ħlas mill-klienti Ewropej kien irrapportat li ma sarx lil Xiamen imma sar fil-kontijiet bankarji taż-żewġ kumpaniji allegatament involuti fid-direzzjonar (channelling). Dan il-bejgħ jammonta għal aktar minn 20 % tal-bejgħ kollu tal-UE fl-2009. Barra minn hekk, il-lista tat-transazzjonijiet ta' bejgħ imressqa minn Xiamen turi metodoloġiji ta' fatturazzjoni differenti fl-istruttura alfanumerika u fit-tul. Dwar il-bejgħ irrapportat bħala "parzjalment ipproċessat" minn waħda miż-żewġ kumpaniji, li jirrappreżenta l-maġġoranza ta' dak il-bejgħ, jidher li n-numru tal-fattura jinkludi żewġ ittri li jirreferu għall-isem tal-kumpanija li allegatament qed tagħmel id-direzzjonar. Barra minn hekk, iż-żewġ kumpaniji jinsabu madwar 1 000 km 'l bogħod minn Xiamen, ħaġa li tixħet dubji fuq il-ġustifikazzjoni ekonomika ta' tali arranġament.

(20) Minbarra dan, ma jistax jiġi eskluż li ġie affettwat aktar bejgħ minn dak identifikat fil-lista dettaljata tat-transazzjonijiet ta' bejgħ mibgħuta minn Xiamen minħabba l-allegat direzzjonar billi skont statistiċi tal-produzzjoni u l-kapaċità mibgħuta minn Xiamen, aktar minn 40 % tal-produzzjoni tagħha fl-2007, l-2008 u l-2009 kienu ddikkjarati bħala ikkuntrattati.

(21) Ġie innutat ukoll li bejgħ irrapportat bħala "parzjalment ipproċessat" waqaf f'Ottubru 2009, jiġifieri wara li l-awtoritajiet tad-dwana f'ċerti Stati Membri rrifjutaw li japplikaw ir-rata tad-dazju anti-dumping individwali ta' Xiamen għal ċerti importazzjonijiet apparentament prodotti mill-produtturi esportaturi l-oħra.

(22) Dan, għalhekk, iwassal għall-konklużjoni li kienet seħħet bidla fix-xejra tal-kummerċ wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat li għaliha ma hemm l-ebda raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika għajr l-iskartar tar-rata tad-dazju residwu tal-anti-dumping fis-seħħ.

#### 2.4.1. *Ix-xkiel tal-effett remedjali tad-dazju anti-dumping fuq il-ħsara*

(23) Iż-żieda tal-importazzjonijiet iddikkjarati f'isem Xiamen kienet l-aktar f'termini ta' kwantitajiet. Skont it-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju, Xiamen kważi rduppjat il-bejgħ tagħha lill-UE fl-2007 u l-2008, meta mqabbel mal-bejgħ irrapportat waqt il-perijodu tal-investigazzjoni oriġinali, li prinċipalment kien minħabba l-involviment tal-produtturi esportaturi l-oħra. Il-paragun tal-prezz immirat medju tal-UE stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali u l-prezz medju ddifferenzjat tal-esportazzjoni rrapportat waqt il-PI juri tnaqqis fil-bejgħ.

(24) Il-konklużjoni għalhekk hi li l-prassi spjegata hawn fuq ixxekkel l-effetti remedjali tal-miżuri fuq il-ħsara, kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll tal-prezzijiet.

#### 2.4.2. *Evidenza ta' dumping*

(25) Fl-aħħarnett, skont l-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk kienx hemm evidenza ta' dumping b'rabta mal-valur normali stabbilit qabel.

(26) Il-paragun tal-valur normali medju ddifferenzjat kif stabbilit waqt l-investigazzjoni oriġinali (fejn il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' pajjiż analogu, il-Malasja) u l-valur medju ddifferenzjat tal-prezz tal-esportazzjoni waqt il-PI attwali kif irrapportat minn Xiamen fit-tweġiba għall-kwestjonarju parzjali turi marġni ta' dumping li jaqbeż il-marġni ta' dumping stabbilit waqt l-investigazzjoni oriġinali għal kumpaniji li ma kinux fil-kampjun.

## 3. **MIŻURI**

(27) Minħabba dan ta' hawn fuq, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ġie konkluż li seħħet bidla fix-xejra tal-kummerċ, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. Permezz tat-tieni sentenza tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, ir-rata tad-dazju residwu tal-anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ għandha għalhekk tiġi estiża għall-importazzjonijiet tal-istess prodott iddikjarat li huwa mmanifatturat minn Xiamen. F'termini prattiċi, il-kodiċi addizzjonali TARIC A999 għandu jkun iddikkjarat għal dawk l-importazzjonijiet mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(28) Barra minn hekk, sabiex ikun possibbli monitoraġġ aktar dettaljat, minn issa 'l quddiem, taċ-cirkolazzjoni tal-kummerċ fil-pajjiżi li ma kinux parti mill-kampjun, ser tkun attribwita kodiċi addizzjonali TARIC għal kull kumpanija li mhijiex parti mill-kampjun elenkata fl-Anness I tar-Regolament oriġinali.

(29) Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jipprevedu li kull miżura estiża għandha tapplika għall-importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament tat-tnedija, għandhom jinġabru d-dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati ikkunsinnati minn Xiamen.

## 4. ŻVELAR

(30) Il-partijiet interessati ġew infurmati dwar il-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom il-Kunsill kellu ħsieb li jestendi d-dazju residwu tal-anti-dumping li hemm fis-seħħ, u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw u jiġu mismugħa. Ma waslu ebda kummenti li kienu jiġġustifikaw bidla fil-konklużjonijiet ta' hawn fuq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Id-dazju anti-dumping definittiv ta' 28,8 % applikabbli fuq "il-kumpaniji l-oħra kollha" impost permezz tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006 dwar l-importazzjoni ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'dan huwa estiż għal importazzjonijiet iddikjarati li huma mmanifatturati minn XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD.

2. It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006 b'dan hija sostitwita b' din it-tabella:

| "Pajjiż | Kumpanija | Rata ta' dazju (%) | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina | Cedo (Shanghai) Limited u Cedo (Shanghai) Household Wrappings, Shanghai | 7,4 | A757 |
| | Jinguan (Longhai) Plastics Packing Co., Ltd., Longhai | 5,1 | A758 |
| | Sunway Kordis (Shanghai) Ltd. u Shanghai Sunway Polysell Ltd., Shanghai | 4,8 | A760 |
| | Suzhou Guoxin Group Co., Ltd., Suzhou Guoxin Group Taicang Yihe Import & Export Co., Ltd., Taicang Dongyuan Plastic Co., Ltd. u Suzhou Guoxin Group Taicang Giant Packaging Co., Ltd., Taicang | 7,8 | A761 |
| | Wuxi Jiayihe Packaging Co., Ltd. u Wuxi Bestpac Packaging Co., Ltd., Wuxi | 12,8 | A763 |
| | Zhong Shan Qi Yu Plastic Products Co Ltd., Zhongshan | 5,7 | A764 |
| | Huizhou Jun Yang Plastics Co., Ltd., Huizhou | 4,8 | A765 |
| | Xinhui Alida Polythene Limited, Xinhui | 4,3 | A854 |
| | Kumpaniji elenkati fl-ANNESS I | 8,4 | Ara l- ANNESS I |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 28,8 | A999 |
| It-Tajlandja | King Pac Industrial Co., Ltd., Chonburi u Dpac Industrial Co., Ltd., Bangkok | 14,3 | A767 |
| | Multibax Public Co., Ltd., Chonburi | 5,1 | A768 |
| | Naraipak Co Ltd. u Narai Packaging (Thailand) Ltd., Bangkok | 10,4 | A769 |
| | Sahachit Watana Plastic Industry Co., Ltd., Bangkok | 6,8 | A770 |
| | Thai Plastic Bags Industries Co., Ltd., Nakornpathorn | 5,8 | A771 |
| | Kumpaniji elenkati fl-ANNESS II | 7,9 | A772 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 14,3 | A999" |

3. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1425/2006 b'dan huwa sostitwit bit-test kif imniżżel fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. Id-dazju estiż permezz tal-Artikolu 1 għandu jinġabar fuq importazzjonijiet irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 748/2010.

2. Id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali għandhom japplikaw.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet tad-dwana b'dan qed ikunu ordnati biex ma jkomplux jirreġistraw l-importazzjonijiet, kif kien stabbilit skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 748/2010.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Madankollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mill-jum tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 748/2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-3 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**PRODUTTURI ESPORTATURI ĊINIŻI LI KKOOPERAW U LI MHUMIEX PARTI MILL-KAMPJUN**

| Kumpanija | Belt | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| BAO XIANG PLASTIC BAG MANUFACTURING (SHENZHEN) CO., LTD. | Shenzhen | B014 |
| BEIJING LIANBIN PLASTIC & PRINTING CO LTD. | Beijing | B015 |
| CHANGLE BEIHAI PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Zhuliu | B016 |
| CHANGLE UNITE PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B017 |
| CHANGLE HUALONG PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B018 |
| CHANGLE SANDELI PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B019 |
| CHANGLE SHENGDA RUBBER PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B020 |
| CHANGZHOU HUAGUANG PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Wujin | B021 |
| CHEONG FAT PLASTIC BAGS (CHINA) PRINTING FACTORY | Shenzhen | B022 |
| CHUN HING PLASTIC PACKAGING MANUFACTORY LTD. | Hong Kong | B023 |
| CHUN YIP PLASTICS (SHENZHEN) LIMITED | Shenzhen | B024 |
| CROWN POLYETHYLENE PRODUCTS (INT'L) LTD. | Hong Kong | B025 |
| DALIAN JINSHIDA PACKING PRODUCTS CO., LTD. | Dalian | B026 |
| DONG GUAN HARBONA PLASTIC & METALS FACTORY CO., LTD. | Dongguan | B027 |
| DONGGUAN CHERRY PLASTIC INDUSTRIAL, LTD. | Dongguan | B028 |
| DONGGUAN FIRSTWAY PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Dongguan | B029 |
| DONGGUAN MARUMAN PLASTIC PACKAGING COMPANY LIMITED | Dongguan | B030 |
| DONGGUAN NAN SING PLASTICS LIMITED | Dongguan | B031 |
| DONGGUAN NOZAWA PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Dongguan | B032 |
| DONGGUAN RUI LONG PLASTICS FACTORY | Dongguan | B033 |
| FOSHAN SHUNDE KANGFU PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Shunde | B034 |
| FU YUEN ENTERPRISES CO. | Hong Kong | B035 |
| GOLD MINE PLASTIC INDUSTRIAL LIMITED | Jiangmen | B036 |
| GOOD-IN HOLDINGS LTD. | Hong Kong | B037 |
| HANG LUNG PLASTIC FACTORY (SHENZHEN) LTD. | Shenzhen | B038 |
| HUIYANG KANLUN POLYETHYLENE MANUFACTURE FACTORY | Huizhou | B039 |
| JIANGMEN CITY XIN HUI HENGLONG PLASTIC LTD. | Jiangmen | B040 |
| JIANGMEN TOPTYPE PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Jiangmen | B041 |
| JIANGMEN XINHUI FENGZE PLASTIC COMPANY LTD. | Jiangmen | B042 |
| JIANGYIN BRAND POLYTHENE PACKAGING CO., LTD. | Jiangyin | B043 |

| Kumpanija | Belt | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| JINAN BAIHE PLASTIC CO., LTD. | Jinan | B044 |
| JINAN CHANGWEI PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Jinan | B045 |
| JINAN CHENGLIN PLASTIC PRODUCTS COMPANY LTD. | Jinan | B046 |
| JINAN MINFENG PLASTIC CO., LTD. | Jinan | B047 |
| JINYANG PACKING PRODUCTS (WEIFANG) CO., LTD. | Qingzhou | B048 |
| JUXIAN HUACHANG PLASTIC CO., LTD. | Liuguanzhuang | B049 |
| JUXIAN HUAYANG PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Liuguanzhuang | B050 |
| KIN WAI POLY BAG PRINTING LTD. | Hong Kong | B051 |
| LAIZHOU JINYUAN PLASTICS INDUSTRY & TRADE CO., LTD. | Laizhou | B052 |
| LAIZHOU YUANXINYIE PLASTIC MACHINERY CO., LTD. | Laizhou | B053 |
| LICK SAN PLASTIC BAGS (SHENZHEN) CO., LTD. | Shenzhen | B054 |
| LINQU SHUNXING PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Linqu | B055 |
| LONGKOU CITY LONGDAN PLASTIC CORPORATION LTD. | Longkou | B056 |
| NEW CARING PLASTIC MANUFACTORY LTD. | Jiangmen | B057 |
| NEW WAY POLYPAK DONGYING CO., LTD. | Dongying | B058 |
| NINGBO HUASEN PLASTHETICS CO., LTD. | Ningbo | B059 |
| NINGBO MARUMAN PACKAGING PRODUCT CO., LTD. | Ningbo | B060 |
| POLY POLYETHYLENE BAGS AND PRINTING CO. | Hong Kong | B061 |
| QINGDAO NEW LEFU PACKAGING CO., LTD. | Qingdao | B062 |
| QUANZHOU POLYWIN PACKAGING CO., LTD. | Nanan | B063 |
| RALLY PLASTICS CO., LTD. ZHONGSHAN | Zhongshan | B064 |
| RIZHAO XINAO PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Liuguanzhuang | B065 |
| DONGGUAN SEA LAKE PLASTIC PRODUCTS MANUFACTURING CO., LTD. | Dongguan | B066 |
| SHANGHAI HANHUA PLASTIC PACKAGE PRODUCT CO., LTD. | Shanghai | B067 |
| SHANGHAI HUAYUE PACKAGING PRODUCTS CO., LTD. | Shanghai | B068 |
| SHANGHAI LIQIANG PLASTICS INDUSTRY CO., LTD. | Zhangyan | B069 |
| SHANGHAI MINGYE PLASTICS GOODS COMPANY LIMITED | Shanghai | B070 |
| SHANGHAI QUTIAN TECHNOLOGY INDUSTRY DEVELOPMENT CO., LTD. | Shanghai | B071 |
| SHANTOU ULTRA DRAGON PLASTICS LTD. | Shantou | B072 |
| SHAOXING YUCI PLASTICS AND BAKELITE PRODUCTS CO., LTD. | Shangyu | B073 |
| SHENG YOUNG INDUSTRIAL (ZHONGSHAN) CO., LTD. | Zhongshan | B074 |
| SUPREME DEVELOPMENT COMPANY LIMITED | Hong Kong | B075 |
| TAISHING PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. ZHONGSHAN | Zhongshan | B076 |
| TIANJIN MINGZE PLASTIC PACKAGING CO., LTD. | Tianjin | B077 |

| Kumpanija | Belt | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| UNIVERSAL PLASTIC & METAL MANUFACTURING LIMITED | Hong Kong | B078 |
| WAI YUEN INDUSTRIAL AND DEVELOPMENT LTD. | Hong Kong | B079 |
| WEIFANG DESHUN PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B080 |
| WEIFANG HENGSHENG RUBBER PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B081 |
| WEIFANG HONGYUAN PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B082 |
| WEIFANG HUASHENG PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Changle | B083 |
| WEIFANG KANGLE PLASTICS CO., LTD. | Changle | B084 |
| WEIFANG LIFA PLASTIC PACKING CO., LTD. | Weifang | B085 |
| WEIFANG XINLI PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Weifang | B086 |
| WEIFANG YUANHUA PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Weifang | B087 |
| WEIFANG YUJIE PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Weifang | B088 |
| WEIHAI WEIQUAN PLASTIC AND RUBBER PRODUCTS CO., LTD. | Weihai | B089 |
| WINNER BAGS PRODUCT COMPANY (SHENZHEN) LIMITED | Shenzhen | B090 |
| WUI HING PLASTIC BAGS PRINTING (SHENZHEN) COMPANY LIMITED | Shenzhen | B091 |
| XIAMEN EGRET PLASTICS CO., LTD. | Gaoqi | B092 |
| XIAMEN GOOD PLASTIC CO., LTD. | Xiamen | B109 |
| XIAMEN RICHIN PLASTIC CO., LTD. | Xiamen | B093 |
| XIAMEN UNITED OVERSEA ENTERPRISES LTD. | Xiamen | B094 |
| XIAMEN XINGYATAI PLASTIC INDUSTRY CO., LTD. | Xiamen | B095 |
| XINTAI CHUNHUI MODIFIED PLASTIC CO., LTD. | Xintai | B096 |
| YANTAI BAGMART PACKAGING CO., LTD. | Yantai | B097 |
| YANTAI LONGQUAN PLASTIC AND RUBBER PRODUCTS CO., LTD. | Yantai | B098 |
| YAU BONG POLYBAGS PRINTING CO., LTD. | Hong Kong | B099 |
| YINKOU FUCHANG PLASTIC PRODUCTS. CO., LTD. | Yingkou | B100 |
| YONGCHANG (CHANGLE) PLASTIC INDUSTRIES CO., LTD. | Weifang | B101 |
| ZHANGJIAGANG YUANHEYI PAPER & PLASTIC COLOR PRINTING & PACKING CO., LTD. | Zhangjiagang | B102 |
| ZHONGSHAN DONGFENG HUNG WAI PLASTIC BAG MFY | Zhongshan | B103 |
| ZHONGSHAN HUANGPU TOWN LIHENG METAL & PLASTIC FACTORY | Zhongshan | B104 |
| ZHUHAI CHINTEC PACKING TECHNOLOGY ENTERPRISE CO., LTD. | Zhuhai | B105 |
| ZIBO WEIJIA PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. | Zibo | B106” |